**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 9/2019**
**Wara sentenza tat-Tribunal Industrijali**
**datata 28 ta' Jannar, 2019**

**David Mercieca**

**vs.**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell tar-rikorrent David Mercieca minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 28 ta' Jannar, 2019 fejn gie deciz kif isegwi:

*'It-Tribunal wara li sema x-xhieda, ra d-dokumenti u sema t-trattazjoni tal-partijiet jiddeciedi billi r-rikorrenti ma ppruvaw l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni u b'hekk tintemm il-kawza l-ispejjez jigu sopportati bejn il-partijiet indaqs bejniethom.'*

2. Illi d-decizjoni appellata ssegwi lment tar-rikorrenti quddiem it-Tribunal Industrijali li skont hu huwa sofra diskriminazzjoni ghar-raguni li huwa kien l-uniku mpjegat tal-Korporazzjoni appellata li fis-sezzjoni tieghu tal-Station UpKeep gie elevat skala wahda biss minn skala 11 ghal skala 10 filwaqt li skont l-appellant haddiema ohra fl-istess sezzjoni tieghu u cioe' dik tal-istation Up-Keep kienu lkoll gew elevati minn tnejn sa' erba' gradi partikolarment ghaliex huwa ma nghatax l-iskala ta' 'shift-leader' li tigi skala 9.

3. Illi t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu li ma kinitx giet ippruvata d-diskriminazzjoni fil-konfront ta' David Mercieca wara li ghamel il-kunsiderazzjonijiet segwenti:

*'Xehed David Mercieca fejn qal li kien jahdem bhala Building and Structure Occier grade 11 u wara li kien hemm riforma gie imtella ghall-post ta' Assistant Shift Leader u tela' ghall-grad 10 waqt li l-haddiema l-ohra li kienu ta' grad aktar baxx inghataw zieda fil-gradi minn tnejn sa erbgha. Hu hassu diskriminat. Is-sezzjoni ta' Station Upkeep huwa sabiex tiehu hsieb il-manutenzjoni tal-bini hemm zewg shifts. Il-Haddiem ta' grad anqas huma general plasteres, painters, carpenters u xoghol iehor simili li kollha telghu mill-inqas zewg skali.*

*Xehed Anthony Bonello li hu Head Corporate Services fejn gie ipprezentat il-file personali tar-rikorrenti.*

*Xehed Roberto Cristiano li kien il-Human Resource Manager fejn qal li r-rikorrenti mhuwiex wahdu li ha zieda fl-*

*iskala ghax kien hemm haddiema ohra li hadu zieda ta' skala wahda. U dan in generali r-rikorrenti ghandu r-rwol ta' assistant Shift Leader u dan kien ir-rwol li applika ghalih. Qal li l-haddiem fl-iskala inqas minnu tbiddlilhom ir-rwol taghhom zidulhom ix-xoghol u r-responsabilita. Il-gradi l-godda gew maqbula wkoll mal-GWU. Ix-xhud qal ukoll li r-rikorrenti seta' applkia ghall-postjiet ohrajn.*

*Rega' xehed Roberto Cristinao fejn qal li r-rikorrenti seta' japplika ghal-liema post ried u kien hemm postijiet ohra li seta' japplika. Ikkonferma li fis-sezzjoni tal-Istation Upkeep ir-rikorrenti zdied grad wiehed. Ammetta illi kien hemm formula bi tliet preferenzi u formula ohra ghal xoghol differenti pero ma setax jaghti spjegazzjoni.*

*Rega' xehed David Mercieca fejn qal li gie nfurmat illi hu kien ser jidhol bhala xoghol fil-grad 10 ta' Assistant Shift Leader u ghalhekk applika ghalih. U dan ghax ix-Shift Leaders kienu gja lesti maghzula.*

*Rega xehed Anthony Bonello fejn qal li r-riformi li saru kienu maqbulin mal-Union jigifieri il-GWU. Qal li riedu jamalgamaw xi sezzjonijiet u saret evaluation u ntghazlu t-team leaders u l-assistant team leader. Cahad li nforma lir-rikorrenti li l-postijiet ta' team leader kienu gia ntghazlu, cahad li qas lir-rikorrenti sabiex ma japplikax ghall-postijiet orha. Il-haddiema l-ohra li zdiedu fil-grad ghal aktar minn grad wiehed kien sabiex jamalgamaw ix-xoghol u jizdidilhom ix-xoghol u r-responsabilita'.*

*Xehed diversi drabli l-Ingineer Patrick Gauci fejn qal li kien fuq il-Bord tal-evalwazzjoni u ma tax l-average mark ghax iddiskutu bejniethom.*

***Kunsiderazzjonijiet***

*It-Tribunal jinnota illi f'dan il-kaz xehdu fid-dettal hafna xhieda u jikkonsidera s-segwenti:*

*Fl-ewwel lok meta wiehed iressaq ilment ta' diskriminazzjoni wiehed irid jipprova dak li bl-ingliz nghidu like with like. Ghandu jirrizulta illi r-rikorrenti hwua zbaljat meta qieghed jghid li haddiema ta' skala anqas minnu u hadu zieda fl-iskali taghhom aktar minnu jqabbilhom mieghu. Dawn il-haddiema kienu f'livell aktar baxx minnu u meta saret ir-riforma dawn il-haddiema zdidilhom ix-xoghol u r-reponsabilita' xi haga li ma kellhiex x'taqsam mar-rikorrenti ghax kien gie mpoggi fir-rwol ta' Assistant Shift Leader minn Building and Maintenance Structure Officer. Ghalhekk diskriminazzjoni fuq dan l-fatt ma tezistix.*

*Di piu it-Tribunal ikkunsidera jekk kienx hemm xi tip ta' diskriminazzjoni fuq il-fatt li ma nghatax il-post ta' Shift Leader u ghandu jirrizulta illi r-rikorrenti applika biss ghall-Assistant Shift Leader biss u ma applikax ghal Shift Leader. Li tghid li gie diskriminat ghax ma ntghazilx ghall-post ta' Shift Leader hija ngusta ghax ir-rikorrenti ma kienx applika ghal dan il-post. Inqalghet kwistjoni jekk thalla jew ma thalliex japplika ghal dan il-post u kien hemm xhieda konfliggenti. It-Tribunal mhux ser jidhol u jiddeciedi min qieghed jghid il-verita' ghax jirrizulta li r-rikorrenti seta' f'kull hin u kull mument japplika ghall-aktar minn post wiehed anki jekk*

*gie suggerit lilu li ma jaghmilx hekk. Jirrizulta li saret xi tip ta' evalwazzjoni u r-rikorrenti ma giex maghzul ghal Shift Leader bil-konsegwenza li din mhiex diskriminazzjoni. Gew jixhdu l-membri tal-Bord u t-Tribunal huwa konvint li ghamlu xogholhom sew.*

*Illi bir-riforma t-Tribunal jikkonkludi li r-rikorrenti ma sofriex ebda diskriminazzjoni anzi r-rikorrenti ha zieda fl-iskala u ma setax jghola aktar fl-iskala ghax kienet tigi dik ta' Shift Leader li kien hemm bzonn zewg postijiet li mtlew minn zewg persuni ohra. It-Tribunal ma jhossx li kien hemm xi diskriminazzjoni ghax ma ntghazilx ghall-post ta' Shift Leader.'*

4. Rat illi r-rikorrent appella mis-sentenza tat-Tribunal fejn fl-ewwel lok jindika li huwa kien gie mpjegat mal-Korporazzjoni apellata bhala apprendist nhar l-1 ta' April, 1995 u dan fis-sezzjoni tal-*Generation Workshop* bhala *mechanical fitter*. F'Lulju 1988 wara li gie ezaminat gie mpjegat *full-time*. F'Mejju 2006 huwa nhatar bhala *Building and Maintenance Structure Officer* wara li gie l-ewwel f'applikazzjoni appozita. Skont l-appellant fis-sena 2011 bdiet tigi fis-sehh riforma fil-Korporazzjoni appellata wara diskussjonijiet mal-*General Workers Union* u l-appellant isostni li kien f'dan l-istadju li gie offrut b'effett retroattiv mill-14 ta' Mejju, 2010 il-post ta' *Assistant Shift Leader* fis-sezzjoni mahluqa gdid bl-isem ta' 'Station Upkeep'. L-appellant isostni li huwa mill-ewwel oggezzjona ghall-fatt li dan kien ifisser li huwa tela' skala wahda biss meta fl-istess riforma l-haddiema l-ohra kollha li dahlu fis-sezzjoni l-gdid imsejha 'Station Upkeep' kienu telghu mill-anqas zewg skali jew aktar. L-appellant isostni li dan sar bi ksur tal-artikolu 26 tal-Kap. 452 tal-

Ligijiet ta' Malta b'dana li jekwivali ghal trattament diskriminatorju fil-kundizzjonijiet tal-impjieg tieghu. L-appellant isostni li l-principal xjentement ghamel manuvri sabiex iqassam ix-xoghol b'tali mod li huwa jiehu biss zieda ta' skala wahda u jigi eskluz milli jizdied zewg skali fil-pozizzjoni ta' 'shift-leader' b'hekk ir-riforma fil-konfront tieghu gie manifestament anqas sfavorevoli minn kif giet applikata lill-haddiema ohra. Fir-rikors tal-appell l-appellant jghaddi biex jelenka aktar fid-dettal il-fatti li skont hu wasslu ghall-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tieghu. Isemmi diversi mpjegati ohra li skont hu kienu fi skala anqas minnu u spiccaw telghu fi skali ghola minn tieghu sahansitra persuna li kienet fi skala anqas minnu u nghatat skala ghola minnu cioe' skala 9 bhala 'shift-leader' b'dana li skont hu kien hu biss li tela' biss skala wahda filwaqt li dawn il-haddiema telghu mill-anqas zewg skali u kien hemm ohrajn li telghu anki tlieta u erba skali bhala rizultat tar-riforma.

5) Illi l-aggravji tal-appellant quddiem din il-Qorti, fil-qosor, huma tnejn kif isegwi:

a) 'It-Tribunal jghid li t-talba tar-Rikorrenti ma setghetx tirnexxi ghaliex huwa qabbel ruhu ma' haddiema li la qabel u anqas wara r-riforma ma kellhom xoghol simili ghal tieghu u allura ma kienx hemm 'like with like; Dan ifisser li t-Tribunal ibbaza l-konsiderazzjonijiet u d-decizjoni tieghu fuq il-paragrafu 26 (2) (b) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, meta b'kull rispett, id-

disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli f'dan il-kaz hija l-Artikolu 26 subinciz (1) paragrafu (b) u sibinciz (2) paragrafu (c).'

b) '. . . it-Tieni aggravju jirreferi ghat-tieni raguni moghtija mit-Tribunal ghac-cahda tat-talba tar-rikorrenti. It-Tribunal jibda din id-deliberazzjoni fuq din it-tieni raguni billi jghid r-rikorrent ma jistax jilmenta minn diskriminiazzjoni meta huwa nghata l-grad li applika ghalih; it-Tribunal jirrikonoxxi li fil-verzjonijiet tal-fatti taz-zewg nahat jikkonfliggu ghaliex ir-rikorrent jghid li ma kellu ebda ghazla ghal xiex japplika mentri l-Korporazzjoni ntimata tghid li huwa seta' japplika ghalxiex ried, pero' t-Tribunal jikkonkludi 'It-Tribunal mhux ser jidhol u jiddeciedi min qieghed jghid il-verita' ghax jirrizulta li r-rikorrenti seta' f'kull hin u kull mument japplika ghal aktar minn post wiehed anki jekk gie suggerit lilu li ma jaghmilx hekk.' Din il-konkluzjoni tat-Tribunal b'kull rispett hija mill-iktar 'self contradictory' u ma tregix; it-Tribunal iddecieda li ma jiddeliberax dwar min qed jghid il-verita' pero' fl-istess hin iddecieda li l-Korporazzjoni ntimata kienet qed tghid il-verita' u mhux ir-Rikorrent. Mhuwiex konsentit li gudikant jaghzel li jaccetta l-verzjoni ta' naha wahda minghajr l-anqas biss ikun irid jikkonsidra u jiddelibera fuq il-fatt li n-naha l-ohra qed tghid xi haga differenti u tista' tkun dik il-verita'.'

L-appellant wara li jelabora l-aggravji tieghu fl-appell odjern jitlob li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal appellata datata 28 ta' Jannar, 2019 u dan billi tiddikjara li l-Korporazzjoni ntimata idiskriminat kontra David Mercieca u tilqa' t-tliet talbiet tieghu fir-

rikors originali quddiem it-Tribunal, b'dan ukoll li ghall-fini ta' kumpens jigi kkonsiderat ukoll li bir-riforma l-impjegati nghataw karigi, skali u remunerazzjoni b'effett mill-14 ta' Mejju 2010 bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni appellata.

6. Rat illi l-Korporazzjoni appellata fil-partijiet saljenti tar-risposta taghha qajmet l-oggezzjonijiet segwenti ghall-appell odjern kif isegwi:

a) Illi skont il-Korporazzjoni l-appell mhux wiehed ibbazat fuq punt ta' ligi izda huwa riassunt tax-xhieda kif interpretati mill-appellant b'hekk issostni li l-appell ghandu jigi michud stante li mhux imsejjes fuq punt ta' ligi;

b) Illi fil-mertu l-Korporazzjoni tinsisti li meta giet iffurmata s-sezzjoni l-gdida tal-'iStation Upkeep' kull haddiem f'din is-sezzjoni seta' japplika ghall-ghola posizzjoni fl-istess cioe' dik ta' *Shift Leader* (Skala 9). Ssostni li kien hemm zewg vakanzi ghal din il-kariga u applikaw biss certu Joseph Caruana u Carmel Cassar u l-applikazzoni taghhom giet milqugha. Tghid li l-appellant applika biss ghall-post ta' *Assistant Shift Leader* u din fil-fatt inghatatlu b'dana li minn skala 11 tela ghal skala 10.

c) Illi l-allegata diskriminazzjoni ma tissussistix ghax dawk li telghu aktar minn skala wahda skont il-Korporazzjoni ma kienux fl-istess

posizzjoni tal-appellat izda kollha kienu gejjin minn dipartiment u skali differenti.

d) Illi skont il-Korporazzjoni appellata t-Tribunal kien korrett fid-decizjoni tieghu meta bbaza d-decizjoni fuq l-artikolu 26 (2) (b) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li kien qed jaghmel hazin l-appellant li kien qed iqabbel ruhu ma' haddiema li ma kienux fl-istess grad u li kienu wkoll addetti f'sezzjonijiet diversi tal-korporazzjoni. Ghalhekk it-Tribunal kien korrett li sostna li ma kienx hemm similarita' bejn dawk il-haddiem u l-appellant.

e) Il-Korporazzjoni tinsisti wkoll li l-appell odjern mhux gjustifikat stante li nonostante d-diskrezzjoni hija assoluta taghha meta wiehed japplika ghall-kariga dwar jekk ghandux jinghata din il-kariga, jirrizulta skont il-Korporazzjoni li appuntu l-appellant inghata l-iskala li applika ghaliha liema pozizzjoni tghati l-iskala 10 u mhux 9 w'ghalhekk il-Korporazzjoni ssostni li ma tistax tifhem kif l-appellant ippretenda li jimxi ghal skala 9 meta applika biss ghal skala 10.

7. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

8. Rat ix-xhieda, dokumenti, esebiti u l-atti kollha.

**Konsiderazzjonijiet**

9. Illi mir-rikors promotur originarjament intavolat quddiem it-Tribunal jirrizulta li r-rikorrent appellant jibbaza l-kaz tieghu nekwivokalment fuq l-artikoli 26 (1) (b) u 26 (2) (c) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta tant li kwotahom *verbatim* fir-rikors tieghu. Fl-istess rikors jitlob id-dikjarazzjonijiet segwenti mit-Tribunal:

'a) Jiddikjara illi r-riorganizzazzjoni li saret bl-introduzzjoni tal-*Station UpKeep* u bl-impjegati kif gew assenjati jahdmu fl-*istation* msemmija saret b'mod zbaljat u skorrett ghar-ragunijiet premessi, tant li l-Korporazzjoni EneMalta agixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront ta' l-esponent, ai termini ta' l-Artiklu 26 ta' l-Att XXII tas-sena 2002;

b) In linea mat-talba hawn fuq maghmula, tordna lill-Korporpazzjoni ntimata sabiex tirrimedja ghall-ingustizzja u d-diskriminazzjoni li saret ma' l-esponent, u dan billi l-istess Korporazzjoni EneMalta tikkumpensa kull telf li sofra, qed isofri jew jista' jsofri sakemm jinghata r-rimedju hawn fuq mitlub.

c) Jaghti dawk il-proccedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz sabiex kull ingustizzja u diskriminazzjoni li saret fil-konfront ta' l-esponenti tigi rimedjata mill-Korporazzjoni ntimata, inkluz il-kundanna ta' hlas ta' kumpens lill-esponenti kif hawn fuq mitlub ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.

Illi minn dak suespost johrog mill-ewwel car lil din il-Qorti li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa bbazat fuq applikazzjoni skorretta tal-ligi li tikwalifika bhala punt ta' ligi u huwa evidentement gjustifikat. Fil-fatt johrog car mid-decizjoni tat-

Tribunal illi almenu f'parti mill-istess decizjoni t-Tribunal ghamel il-konsiderazzjonijiet tieghu abbazi tal-artikolu 26 (2) (b) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux l-artikoli li fuqhom sejjes it-talba tieghu r-rikorrent appellant. Ghaldaqstant certament dak il-paragrafu tad-decizjoni appellata fejn it-Tribunal iqis li l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jintlaqa' abbazi li ma rnexxilux jipprova 'like with like' ghandu jigi dikjarat null u nvalidu stante li ma kienx dak mitlub mir-rikorrent u li fuqu hija msejsa t-talba tieghu. Il-Qorti izda rat li l-bqija tad-decizjoni tat-Tribunal mhux neccessarjament huwa bbazat fuq l-istess principju tal-ligi stante t-Tribunal dahal appuntu fil-kwistjoni tas-'shift leader' u l-possibilitajiet li seta kellu r-rikorrent sabiex japplika ghall-istess. Fil-fatt dwar dan il-punt kif gia kwotat aktar 'il fuq it-Tribunal ddecieda kif isegwi:

*'Di piu it-Tribunal ikkunsidera jekk kienx hemm xi tip ta' diskriminazzjoni fuq il-fatt li ma nghatax il-post ta' Shift Leader u ghandu jirrizulta illi r-rikorrenti applika biss ghall-Assistant Shift Leader biss u ma applikax ghal Shift Leader. Li tghid li gie diskriminat ghax ma ntghazilx ghall-post ta' Shift Leader hija ngusta ghax ir-rikorrenti ma kienx applika ghal dan il-post. Inqalghet kwistjoni jekk thalla jew ma thalliex japplika ghal dan il-post u kien hemm xhieda konfliggenti. It-Tribunal mhux ser jidhol u jiddeciedi min qieghed jghid il-verita' ghax jirrizulta li r-rikorrenti seta' f'kull hin u kull mument japplika ghall-aktar minn post wiehed anki jekk gie suggerit lilu li ma jaghmilx hekk. Jirrizulta li saret xi tip ta' evalwazzjoni u r-rikorrenti ma giex maghzul ghal Shift Leader bil-konsegwenza li din mhiex diskriminazzjoni. Gew jixhdu l-membri tal-Bord u t-Tribunal huwa konvint li ghamlu xogholhom sew.'*

10) Illi fil-fatt jirrizulta li r-raguni principali ghall-intavolar tar-rikors da parti tal-appellant David Mercieca hija li jilmenta li filwaqt li kulhadd fis-sezzjoni tal-Station Upkeep tela' mill-anqas zewg skali jew aktar huwa kien l-uniku wiehed li tela' skala wahda. Mill-atti jirrizulta li l-ilment huwa effettivament li r-rikorrenti appellant ma nghatax l-opportunita' li japplika ghal-'Shift leader' u b'hekk kien jitla zewg skali u mhux wahda stante li skont hu z-zewg 'shift leaders' li kien hemm bzonn ghas-sezzjoni kienu gia ntaghzlu b'dana li ghalih kien baqa' biss posizzjoni wahda cioe' dik ta' 'assistant shift leader' u kellu bilfors japplika ghal din il-pozizzjoni. Huwa f'dan l-istadju u f'dan l-isfond li din il-Qorti trid taghmel analizi tat-tieni aggravju tal-appellant.

Illi l-Qorti tinnota li filwaqt li l-isfond kollu tal-ilment tar-rikorrent kien illi hu jallega li ma nghatax l-opportunita' li japplika ghal 'shift leader', it-Tribunal meta rinfaccat b'zewg verzjonijiet kompletament diversi da parti tar-rikorrent u da parti tal-Korporazzjoni (fejn din ta l-ahhar sostniet li kellu l-opportunita' li japplika u ma ghamilx dan), it-Tribunal flok ghamel analizi dettaljata tal-provi sabiex jasal ghall-konkluzjoni liema verzjoni kienet dik li l-aktar kellha mill-verita, fl-istess nifs l-ewwel iddecieda li jaghmel bhal pilatu u jahsel idejh minn din il-kwistjoni u li jemmen il-verzjoni tal-Korporazzjoni. Fil-fatt fid-decizjoni tieghu jghid:

*'It-Tribunal mhux ser jidhol u jiddeciedi min qieghed jghid il-verita' ghax jirrizulta li r-rikorrenti seta' f'kull hin u kull mument japplika ghall-aktar minn post wiehed anki jekk gie suggerit lilu li ma jaghmilx hekk.'*

Illi din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellant li din il-parti tad-decizjoni da parti tat-Tribunal hija ghal kollox kontradittorja fejn fl-ewwel parti tas-sentenza t-Tribunal qed jghid li mhux ser jidhol fil-kwistjoni dwar min qed jghid il-verita' filwaqt li fit-tieni parti t-Tribunal iddecieda li jemmen il-verzjoni tal-Korporazzjoni li l-appellant seta' japplika x'hin irid u meta jrid u dan minghajr mat-Tribunal ta d-debita motivazzjoni fid-decizjoni tieghu ghal din il-konkluzjoni tant krucjali ghar-risoluzzjoni tal-kaz.

Illi din il-Qorti tqis li n-nuqqas ta' motivazzjoni fid-decizjoni tat-Tribunal tikwalifika bhala punt ta' ligi li jista' jaqa' taht l-iskrutinju ta' din il-Qorti. Il-Qorti tqis ukoll li fil-kaz odjern, stante li l-pern kollu tal-kaz quddiem it-Tribunal kienet l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa effettivament kien prekluz milli japplika ghal 'shift leader' u kien prattikament sfurzat japplika ghal 'assistant shift leader' biss kienet tirrikjedi motivazzjoni ben soda da parti tat-Tribunal f'kaz li din kellha tigi jew milqugha jew michuda. Li izda ma tinghata l-ebda raguni ghalfejn ittiehdet verzjoni wahda u mhux l-ohra huwa legalment inaccettabbli u zgur a detriment tal-partijiet f'dan il-kaz partikolari a detriment tal-jeddijiet tar-rikorrent appellant.

Illi minn analizi tal-provi kollha fl-atti din il-Qorti tikkunsidra u tikkonkludi kif isewgi:

(1) Illi r-rikorrent David Mercieca kien dejjem sod u konsistenti fix-xhieda tieghu li huwa qatt ma nghata l-possibilita' li japplika ghal 'shift leader' anzi jixhed li kien il-'management' stess tal-korporazzjoni li ghamilhielu cara li l-posizzjonijiet ta' 'shift-leader' kienu mehuda (anki minhabba 'commitments' precedenti tal-Korporazzjoni ma' mpjegati ohra) u li seta' japplika biss ghall-pozizzjoni ta' 'assistant shift-leader' liema posizzjoni nghata x'jifhem lilu mill-Executive Head Corporate Services is-Sur Anthony Bonello (li xehed diversi drabi tul il-proceduri) li kienet lesta approvata ghalih.

(2) Illi mix-xhieda ta' Roberto Cristiano (Divisional Manager Humand Resources Industry Relations) jirrizulta li huwa ma setax jitfa' wisq dawl fuq il-kwistjoni stante li kien ilu biss f'dik il-pozizzjoni ghal erba' xhur u li dak li seta' jixhed fuqu kien biss mid-dokumenti li kellu f'idejh. Ghalhekk dan ix-xhud ma jista' bl-ebda mod ikun ta' serhan ta' mohh ghal din il-Qorti sabiex tikkonkludi li r-rikorrent kellu verament l-opportunita' li japplika ghal 'shift leader'.

(3) Illi mix-xhieda ta' Anthony Bonello jirrizulta li dan ix-xhud izomm ferm lura milli jaghti dettalji partikolari fuq dan il-kaz partikolari u jitkellem in generali anzi meta d-domandi sarulu direttament dwar il-kaz tar-rikorrent appellant ix-xhud deher pjuttost evasiv. Effettivament izda ebda parti mix-xhieda ta' dan ix-xhud ma tikkonvinci lil din il-Qorti li r-rikorrent inghata l-

opportunita' li japplika ghal 'shift-leader' kif inghataw l-opportunita' z-zewg persuni l-ohra li effettivament hadu l-kariga. Anzi mill-istess xhud jirrizulta li probabilment qabel mar-rikorrent intalab japplika ghal 'assistant-shift leader' kienet saret laqgha bejn l-amministrazzjoni fejn huwa gia kien gie eskluz mill-posizzjoni ta' 'shift-leader'. Dan jigi wkoll ikkonfermat mix-xhieda tal-Ingineer Patrick Gauci li wkoll sostna li kienu saru evalwazzjonijiet u li r-rikorrent qatt ma gie evalwat ghall-pozizzjoni ta' 'shift-leader'. Il-Qorti nnutat ukoll fil-kaz ta' dan ix-xhud li zamm ferm lura milli jaghti nformazzjoni jew jirrispondi meta sarulu domandi diretti dwar effettivament ir-rikorrenti nghatax il-possibilita' li japplika ghall-pozizzjoni ta' 'shift-leader'.

(3) Illi l-file personali tar-rikorrenti prezentat mill-Korporazzjoni stranament huwa nieqes minn kull informazzjoni dwar ir-riforma tas-sezzjoni in kwistjoni u l-ezercizzju li sar sabiex ir-rikorrent intaghzel ghall-posizzjoni ta' 'assistant shift leader' tant li lanqas kopja tal-applikazzjoni tieghu ma tinstab fl-istess 'file'. Il-Qorti meta tara li f'dan il-'file' hemm bosta dokumenti dwar 'increments', promozzjonijiet precedenti u sahansitra trasferiment ta' *leave* minn sena issib li huwa pjuttost suspettuz li fl-istess 'file' sahansitra hemm nieqsa l-applikazzjoni tar-rikorrent ghal 'assistant shift leader' u l-evalwazzjoni li saret fuqha. Dan xejn ma jimmilita favur il-kredibilita' tar-rapprezentanti tal-Korporazzjoni fl-atti odjerni.

(4) Irrizulta wkoll ampju mill-provi migbura li fil-kaz tar-rikorrent intuzat applikazzjoni diversa minn dik uzata f'kaz ta' sezzjonijiet

ohra fi hdan il-Korporazzjoni fejn filwaqt li f'sezzjonijiet ohra l-impjegati kellhom l-opportunita' li jindikaw tliet preferenzi dwar fejn xtaqu japplikaw, fil-kaz tar-rikorrenti l-applikazzjoni mghoddija lilu ma kinitx taghti din l-opportunita' u wiehed seta' jindika biss preferenza wahda. Din il-Qorti anzi temmen il-verzjoni tar-rikorrent li l-applikazzjoni li huwa nghata kienet gia tinkludi l-indikazzjoni tal-posizzjoni li huwa kellu japplika ghaliha, kitba li skont ir-rikorrent ma kinitx tieghu izda kienet saret bil-lest mill-Korporazzjoni u konsegwentement waslet ghandu sabiex ikompli jimla' l-istess.

(5) Illi huwa wkoll pjuttost suspettuz li fil-kaz ta' din is-sezzjoni partikolari l-evalwazzjoni li finalment gew esebiti fl-atti ma tnizzilx fuqhom 'average mark' filwaqt li x-xhud l-Ingineer Patrick Gauci ammetta li f'kazijiet ohra ta' sezzjonijiet ohra kienu tnizzlu l-'average mark' tal-impjegati.

Illli in vista tal-konkluzjonijiet suesposti rizultanti mill-atti din il-Qorti ma tistax tifhem abbazi ta' x'hiex it-Tribunal seta' qatt ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrenti 'seta' f'kull hin u kull mument japplika ghal aktar minn post wiehed', li 'ma jhossx li kien hemm xi diskriminazzjoni ghax ma ntghazilx ghall-post ta' Shift Leader' u li f'xi mument l-applikant gie evalwat ghall-posizzjoni ta' 'Shift Leader' meta lanqas biss thalla japplika. Dan ukoll in vista tan-nuqqas palasi ta' motivazzjoni da parti tat-Tribunal sabiex wasal ghal tali konkluzjonijiet.

Illi għall-kuntrarju, din il-Qorti wara li qieset sew ix-xhieda, id-dokumentazzjoni u l-provi kollha fl-atti tqis li jirrizulta car mill-atti li l-verzjoni li ghandha l-aktar mill-verita hija dik tar-rikorrent u cioe' li l-Korporazzjoni ma tatux l-opportunita' li japplika ghal pozizzjoni ta' 'shift leader' bhalma tat liz-zewg persuni l-ohra li effettivament inghataw dik il-posizzjoni ghaliex kienu l-uniku zewg applikanti li thallew jitfghu l-applikazzjoni. Dan mhux necessarjament ifisser li l-Korporazzjoni, li kieku applika r-rikorrent ghall-pozizzjoni ta' 'shift-leader', kien ikollha bilfors tqisu idoneu ghall-pozizzjoni, izda s-semplici fatt li fl-ezercizzju ta' ristrutturazzjoni li sar, sar manuvrar sabiex ir-rikorrent ma jithalliex japplika ghall-pozizzjoni jikkwalifika bhala trattament diskriminatorju fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' impieg bi ksur tal-artikolu 26 (1) (b) u 26 (2) (c) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

(11) Ghar-ragunijiet sueposti din il-Qorti tqis li kemm l-ewwel aggravju tal-appellant kif ukoll it-tieni aggravju tal-appellant jisthoqq li jigu milqugha.

(12) Illi in vista allura li jirrizulta li t-talbiet tar-rikorrent fir-rikors promotur huma gjustifikati jkun imiss li l-Korporazzjoni tigi ordnata tirrimedja ghall-ingustizzja u d-diskriminazzjoni li saret ma' l-esponenti.

Din il-Qorti tqis effettivament li r-rimedju l-aktar ekwu u gjust kellu jkun li r-rikorrent jinghata l-opportunita' li japplika ghall-pozizzjoni ta' 'shift-leader' u li jkun evalwat flimkien mal-

applikanti l-ohra ghal din il-pozizzjoni. Id-decizjoni finali dwar jekk jinghatax il-posizzjoni r-rikorrent kienet tibqa' diskrezzjoni assoluta tal-Korporazzjoni ntimata dejjem suggett li wiehed iqabbel il-kapacitajiet u l-kwalifiki tar-rikorrent ma' dawk tal-applikanti l-ohra. Isegwi izda li dan l-ezercizzju llum tista' tghid huwa mpossibbli li jsir stante li fl-unici zewg pozizzjonijiet ta' 'shift-leader' li suppost kellhom ikunu miftuha ghar-rikorrent llum hemm impjegati zewg persuni ohra li lhom hekk sa mis-sena 2010 u realistikament din il-Qorti tara li huwa difficli ferm li l-istess Korporazzjoni tiehu decizjoni, b'mod oggettiv, li xi hadd minn dawn jinqala' minn posthom biex flokhom jidhol l-applikant minghajr ma jigu lezi d-drittijiet ta' dawn it-terzi.

Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li l-ahjar rimedju fil-kaz odjern huwa li r-rikorrent jithallas kumpens ekwu u gust ghall-ingustizzja sofferta minnu fit-termini tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta liema kumpens ghandu jiehu kont kemm id-danni morali f'dan il-kaz partikolari sofferti mir-rikorrent mis-semplici raguni li huwa ma thalliex japplika u thalla f'din is-sitwazzjoni ghal dawn l-ahhar seba' snin (irrilevanti mill-fatt jekk lura fl-2012 kienx jintghazel jew le fil-posizzjoni ta' 'shift-leader') kif ukoll danni reali konsegwenti mid-differenza fil-paga mid-data tal-14 ta' Mejju, 2010 'il quddiem u dan stante li l-incertezza dwar jekk ir-rikorrent kienx jinghata l-pozizzjoni jew le lura fis-sena 2012 b'effett mis-sena 2010 ikkreata l-istess Korporazzjoni u hadd aktar w'ghaliha ghandha taghmel tajjeb l-istess Korporazzjoni (dan bl-ebda mod ma ghandu jinftiehem li din il-Qorti qed teskludi l-possibilita' li **amikevolment**

fuq termini miftehma bejniethom, il-partijiet jaslu ghall-ftehim sabiex ir-rikorrent jinghata effettivament il-pozizzjoni ta' 'shift-leader').

Illi din il-Qorti tqis li l-ezercizzju tal-evalwazzjoni ta' kumpens ghad-diskriminazzjoni sofferta ghandu jsir fi stadju ta' smiegh tal-kaz quddiem it-Tribunal kemm ghaliex skont il-ligi huwa fil-kompitu, fl-arbitriju u diskrezzjoni tat-Tribunal (u mhux ta' din Qorti) li jistabilixxi l-kumpens ekwu u gjust dovut lir-rikorrent kif ukoll b'rispett ghad-dritt ta' appell (doppio esame) tal-partijiet fuq decizjoni mill-Prim Istanza dwar il-kumpens.

(13) Illi din il-Qorti ghaldaqstant fid-decizjoni taghha filwaqt li ser tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent, ser tordna li l-atti jigu rinvijati quddiem it-Tribunal, li ghandu jkun diversament kompost, sabiex wara li jisma' t-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-tieni u t-tielet talba jghaddi ghad-decizjoni tieghu dwar l-istess.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha sueposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell kif isegwi:**

**- tilqa' l-aggravji tal-appellant u konsegwentement tilqa' l-appell odjern u tghaddi sabiex tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-28 ta' Jannar, 2019 fl-ismijiet premessi,**

**- tilqa' l-ewwel talba kontenuta fir-rikors promotur tar-rikorrent datat 2 ta' Mejju 2012 u tiddikjara li r-riorganizzazzjoni li saret bl-introduzzjoni tal-*iStation UpKeep* u bl-impjegati kif gew assenjati jahdmu fl-*istation* msemmija saret b'mod zbaljat u skorrett ghar-raguni li r-rikorrent ma nghatax l-opportunita' li japplika ghall-pozizzjoni ta' 'shift-leader' b'dana li l-Korporazzjoni Enemalta agixxiet b'mod diskriminatorju fil-konfront ta' l-appellant David Mercieca, ai termini ta' l-artikolu 26 (1) (b) u 26 (2) (c) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**- tirrinvija lura l-atti quddiem it-Tribunal Industrijali diversament kompost sabiex in linea ma' dak hawn fuq deciz jitkomplew il-proceduri u jigu decizi t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-Korporazzjoni appellata.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**